**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Frar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Kevin Pulis**

**Vs**

**Maria-Anna Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Maria-Anna Camilleri ta' 48 sena (dtt. 15/12/1965), bint Joseph Cini u Giovanna nee' Azzopardi, imwieleda Zebbug u residenti gewwa Ocean, Flat 2, Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u detentrici tal-karta tal-identita' 0055566(M);

Talli fix-xhur ta' Mejju w Lulju, 2013, gewwa dawn il-Gzejjer:

1) Bil-hsieb li taghmel hsara lil Charles Brincat, akkuzat lil Charles Brincat, quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kienet taf li Charles kien innocenti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi Maria Anna Camilleri tressqet il-Qorti akkuzata bir-reat ta' kalunnja, jigifieri li akkuzat persuna, f'dan il-kaz certu Charles Brincat, quddiem il-Pulizija li kien wettaq reat kontriha, meta kienet taf li hu innocenti. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputata ghamlet diversi rapporti fix-xhur ta' Mejju u Lulju 2013 fil-konfront ta' Charles Brincat li hu kien qed isegwiha u jaghtiha fastidju, wara li dawn kellhom relazzjoni bejniethom u din thassret. Il-Pulizija investigaw dawn ir-rapporti, u kienu anke hadu passi kontra Brincat, izda dan hass ruhu aggravat b'dawn ir-rapporti fil-konfront tieghu. Ghalhekk hu irrapporta lilha li qed takkuzah b'mod falz ta' reati li ma sehhewx, u ghal din ir-raguni kien ipprezenta kwerela mill-Avukat tieghu lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi kontriha. Il-Pulizija, min-naha taghhom, hassew li ma kienx hemm bizzejjed provi biex iressqu lil Camilleri fuq rapporti foloz, u ghalhekk ma kienu hadu ebda passi kontriha. Brincat ghalhekk istitwixxa procedura li tissejjah sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn il-Qorti tal-Magistrati rat li kien hemm bizzejjed provi *prima facie* sabiex titressaq. Ghalhekk inbdew dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti.

Il-provi f'din il-kawza kienu bbazati l-aktar fuq atti gudizzjarji ohra, mehuda minn Brincat, meta ressaq sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija peress illi r-rapport tieghu fil-konfront ta' Camilleri ma kienx ser jitmexxa. Dawk il-proceduri gew esebiti f'dawn l-atti fl-intier taghhom, u x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kollha ghamlu riferenza ghalihom. Ghalhekk il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed li kemm hu kif ukoll is-superjuri tieghu kienu tal-fehma li ma kienx hemm kaz fil-konfront ta' Camilleri, fuq ir-rapport li kien ghamel Brincat, izda peress illi kienet inghatat sentenza li tghid li *prima facie* seta' kien hemm kaz kontra Camilleri, il-Pulizija segwiet dik is-sentenza u mexxiet din il-kawza. Xehed ukoll Charles Brincat, li qal li kien impossibbli li Camilleri ratu isuq vettura partikolari tieghu meta din kienet ghat-tiswija, u ghalhekk qal li kienet ghamlet rapport fuqu meta taf li ma kienx qed isegwiha.

Il-fatti, fil-qosor, kienu s-segwenti. Camilleri u Brincat kellhom relazzjoni bejniethom xi zmien qabel ma nqala' dan l-incident, izda Camilleri hassret. Jidher li Brincat ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni, u beda jsegwi l-passi taghha. Ghalhekk Camilleri kienet ghamlet numru ta' rapporti fuqu li hu qed jaghtiha fastidju billi jsuq il-vettura tieghu fejn tkun hi, jew li jkun qed isegwiha mod iehor. Il-Pulizija kienu investigaw dawn ir-rapporti, u kienu hadu passi kontra tieghu, izda Brincat sussegwentement ressaq kwerela kontra Camilleri talli hi ddenunzjatu b'reat quddiem il-Pulizija meta kienet taf li hu innocenti. Meta Brincat ra li l-Pulizija ma kienux ser iressquha bir-rapport tieghu, ghamel sfida lill-Kummissarju quddiem il-Qorti kompetenti, u b'hekk ittiehdu dawn il-proceduri. Sabiex tinstab htija fil-konfront ta' Camilleri taht dan l-Artikolu tal-ligi, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Camilleri kienet taf li Brincat ma kienx qed isegwiha, u li hi ghamlet dawk ir-rapporti kontrih meta kienet taf li hu kien innocenti. Mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax

tasal ghal dik il-konkluzjoni. Huwa evidenti li Camilleri u Brincat kellhom relazzjoni bejniethom fil-passat, u meta din ir-relazzjoni spiccat, Brincat ra kif seta' jzomm kuntatt maghha. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu tal-veracita' tar-rapporti ta' fastidju li ghamlet Camilleri. Fi kliem iehor, din il-Qorti m'ghandhiex timxi fil-konfront ta' Brincat biex tara jekk fil-fatt hu kienx qed isegwi lill-imputata, jew kienx qed ikun ta' fastidju ghaliha. Huwa bizzejjed ghall-Qorti tara jekk l-imputata kienetx qed thossha hekk mheddha bl-imgieba ta' Brincat. Huwa bizzejjed, ghalhekk, li Camilleri ghamlet dawk ir-rapporti kontrih *in buona fede*, minhabba fl-attitudni persistenti precedenti tieghu. Biex tirnexxi l-kawza mressqa mill-parte civile, irid jigi ppruvat li Camilleri kienet taf li Brincat kien innocenti. Dan fl-ebda stadju tal-proceduri ma rrisulta. Anzi, il-Prosekuzzjoni kienu hassew li r-rapporti ta' Camilleri kienu gustifikati. Semmai, jekk ma kienx hemm provi sufficjenti kontrih, dan kien jigi hekk liberat minn akkuzi kontra tieghu. Izda li wiehed ighid li Camilleri iddenunzjatu b'reat fil-waqt li kienet taf li hu innocenti, dan minn imkien ma rrisulta.

Il-Qorti esaminat il-provi kollha migjuba, u tqis li l-Prosekuzzjoni u l-kwerelant ma waslux sal-grad ta' provi rikjesti mil-ligi, u cioe' lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti ghalhekk mhix ser issib lill-imputata hatja u sejra tilliberaha minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 101(1)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja w ghalhekk qieghda tilliberaha milll-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**